MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2009

Talba Numru. 673/2007

**Image Systems Ltd (C4052)**

**vs**

**Josef Grech**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tas-socjeta’ attrici li ddikjarat li hija kreditrici tal-konvenut fis-somma ta’ sitt mija u hamsa u sebghin liri Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm675.53), u cioe’ ekwivalenti ghal elf, hames mija u tlieta u sebghin Euro u sitta u hamsin centezmi (€1,573.56), rapprezentanti prezz ta’ servizzi lilu provduti fuq inkarigu tieghu.

Illi minkejja li gie interpellat ihallas dan l-ammont diversi drabi, il-konvenut baqa’ inadempjenti.

Ghaldaqstant, is-socjeta’ attrici kienet qed titlob lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta’ sitt mija u hamsa u sebghin liri Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm675.53), u cioe’ ekwivalenti ghal elf, hames

mija u tlieta u sebghin Euro u sitta u hamsin centezmi (€1,573.56) dovuta kif inghad.
Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra legali datata 28 ta’ Gunju, 2007 u tal-ittra ufficjali datata 2 ta’ Awissu, 2007 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fatturi relattivi sal-effettiv pagament.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi t-talba tas-socjeta’ attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ammont mitlub ta’ sitt mija u hamsa u sebghin liri Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm675.53), u cioe’ ekwivalenti ghal elf, hames mija u tlieta u sebghin Euro u sitta u hamsin centezmi (€1,573.56), ma jirrizultax u qatt ma gie likwidat peress illi rigward dawn is-servizzi qatt ma ttiehed *reading* mis-socjeta’ attrici.

Ra x-xhieda ta’ Christine Peplow, in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, u li tokkupa l-kariga ta’ *Accounts Clerk*. Tispjega li l-konvenut kellu *photocopier* minn ghandhom u kellhom ftehim li hu jhallashom tal-kopji li jkun ghamel, filwaqt li huma kienu jaghmululu il-manutenzjoni tal-istess *photocopier* b’xejn.

Tghid li l-konvenut kien qed jinsisti li ma kellu jaghi xejn, pero’ effettivament li kien qed jigri kien li kellu zewg (2) kontijiet u kien qed ihallas wiehed minnhom, u kien imur ihallas il-kambjali, izda kien dejjem ihallas ftit aktar minn dak li kien dovut u dan l-*extra* kien jitwaddab sabiex jissalda ukoll il-kont l-iehor li kellu pendenti.

Tikkonferma li l-ammont li kien dovut minghand il-konvenut kien jammonta ghal hames mija u tmienja u hamsin lira Maltin, sebgha u disghin centezmu (Lm558.97), ekwivalenti ghal elf, tlett mija u zewg Euro u hames centezmi (€1,302.05).

L-ahhar li kienet tkellmet mal-konvenut kien *circa* xahrejn qabel, u tghid li kien weghda li kien ser imur jaghmel il-pagamenti, pero’ qatt ma mar.

Ra x-xhieda tal-konvenut li jikkonferma li kien inkariga lis-socjeta’ attrici biex tipprovdilu servizzi, izda jinsisti li l-ebda

rapprezentant tas-socjeta' attrici ma kien mar fuq il-post sabiex jiehu *reading,* kif suppost, u ghalhekk it-talba ma kienitx wahda gustifikata, u dan peress li ma tirrizulta minn imkien.

Ra li s-socjeta' attrici pprezentat nota ta' riduzzjoni fejn l-ammont pretiz gie ridott ghal hames mija u tmienja u hamsin liri Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm558.97), u cioe' ekwivalenti ghal elf, tlett mija u zewg Euro u hames centezmi (€1,302. 05).

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

Il-provi f'dan il-kaz huma limitati ghaliex is-socjeta' attrici tat deskrizzjoni tal-ftehim li kien hemm bejnha u l-konvenut, u l-istess konvenut jammetti li kien hemm dan is-servizz, pero' jichad li kien hemm xi ammonti li kien ghad kellu jhallas ghaliex hadd mill-impjegati tas-socjeta' attrici ma kien mar jiehu xi *reading* mis-servizz li kienu offrewlu, u cioe' l-uzu ta' *photocopier.*

Il-konvenut ma pproduca ebda provi ohra, anzi kien hemm l-intenzjoni li l-kawza tigi transatta u f'hin minnhom il-konvenut kien beda jaghmel pagamenti, tant li s-socjeta' konvenuta kellha tipprezenta nota ta' riduzzjoni.

Hemm qabza kbira bejn il-kliem u l-fatti, u jekk fl-affidavit tieghu jinsisti li ma kellux jaghti lis-socjeta' attrici, effettivament wiehed bil-fors jistaqsi x'seta' wassal ghal pagament li ghamel fil-mori tal-kawza!

Fl-istess waqt, il-konvenut injora kompletament din il-kawza u lanqas kompla jiddenja ruhu mill-pagamenti jew imqar jattendi u jkun presenti quddiem dan it-Tribunal.

Ghat-Tribunal, il-pagament tal-konvenut, minkejja in parti a saldu tal-bilanc li kien dovut, huwa per se ammissjoni li d-debitu ghadu dovut u dan kuntrarjment ghal dak li allega l-konvenut.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li jilqa' t-talba attrici kif ridotta, u konsegwentement jikkundanna lil-konvenut ihallas lis-socjeta attrici is-somma ta' elf, tlett mija u zewg Euro u hames centezmi (€1,302.05). Bl-ispejjes u l-imghaxijiet kif mitluba, hlief ghall-ispejjes tal-ittri ufficjali msemmija u dan peress fl-ebda stadju tal-gbir tal-provi ma gewipprezentati il-provi relattivi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------